MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 30/2011

**Alexander u Alma Tania konjugi Vella,
Stephen u Agnes konjugi Mifsud,
Joseph u Marianne konjugi Grech,
Joseph u Anna konjugi Schembri,
Joseph u Felicia konjugi Cremona,
Malcolm u Jacqueline konjugi St. John u
Dr. Joseph Ellis u martu Dr. Gloria Lauri-Lucente**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u
l-kjamat in kawza Richard Colombo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Joseph u Marianne konjugi Grech u Dr. Joseph Ellis u martu Dr. Gloria Lauri-Lucente tal-20 ta' Lulju 2011 wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-30 ta' Gunju 2011 fejn gie

michud l-appell tal-appellanti qua objectors kontra l-permess PA 2765/02;

Rat ir-risposta tal-Awtorita u tal-applikant Richard Colombo li ssottomettew li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell kellha tigi konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell li tghid hekk:
Il-Bord ikkunsidra illi:-

Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp harget permess 'outline' lill-applikant, "to demolish existing dwelling and construct apartments with underlying garage", f' 'Astoria', Triq Dom Mawru Inguanez, B'Kara wara rikonsiderazzjoni ta' rifjut originarjament mahrug fil-5 ta' Settembru 2002.

Il-Bord iddelibera:-

In vista tar-rifjut li qed jinhareg fil-PAB 298/04 u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija, dan l-appell qieghed ukoll jigi michud, u l-Bord jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp,

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:
1. Ll d-decizjoni hi nulla billi l-okkju ma jirriflettix il-partijiet;
2. Li l-Bord ma interpretax sew il-policies vigenti;
3. Il-Bord ma setghax jiddeciedi kontra dak li jipprovi l-abbozz ta’ pjan lokali;
4. Il-Bord naqas li jaghti konsiderazzjoni ghal policies relevanti tal-pjan ta’ struttura;
5. Il-Bord strah hazin fuq il-kwistjoni li z-zona giet committed b’applikazzjoni ohra riferibbilment ghal zvilupp simili.

**L-ewwel aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellanti jikkoncerna l-okkju tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell fid-decizjoni tieghu tat-30 ta’

Gunju 2011. L-okkju jaqra hekk: “Dr. Joseph Ellis et. kontra l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza, Richard Colombo”.

Rat li l-Awtorita ma ndirizatx dan l-aggravju fir-risposta u l-kjamat in causa jghid biss illi l-kelma ‘et’ tindika persuni ohrajn u l-Bord innifsu rrifera ghal Dr. Ellis li kien qed jidher ghal-appellanti residenti fi Triq Dom Mawru Inguanez, B’Kara.

Jirrizulta mill-atti illi l-applikant kien Richard Colombo u kien hemm diversi registered objectors. L-appell quddiem il-Bord sar minn dawn ir-registered objectors b’kollox erbatax-il persuna. Id-decizjoni tal-Bord issemmi biss wiehed mill-appellanti. Iz-zieda tal-kelma ‘et’ warajh ma hix indikazzjoni cara kontra jew favur min qed tinghata d-decizjoni hlief kontra Dr. Joseph Ellis. Jirrizulta illi l-appell odjern qed isir min uhud biss mir-registered objectors li hlief ghal Dr. Joseph Ellis ma jidhirx fl-okkju tad-decizjoni tal-Bord.

Il-Qorti ma tqis dan bhala kaz ta’ zball semplici li gie korrett mill-istess Bord izda hu zball ta’ sustanza li gie quddiem din il-Qorti fil-forma li nghata fid-decizjoni appellata. Id-decizjoni ssemmi biss parti wahda minn erbatax li appellaw u decizjoni tkun gudikat biss fil-konfront tal-partijiet li jidhru fl-okkju.

Ghalkemm hu minnu kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino** (A.I.C. (RCP) - 18 ta' Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-artikolu 175 (2) tal-Kap. 12 li jghid hekk:-
"(2) Kull Qorti fi grad te' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.

(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju.

Pero fil-kawza **Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (A.I.C. (RCP) - 26 ta' Ottubru 2004) inghad li dan ma jistax isir ghaliex "l-izball ... sar fid-decizjoni tal- Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (u din) tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaftettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."

Li jfisser li ma jistax jigi korrett f'dan l-istadju ulterjuri quddiem din il-Qorti. Ara wkoll **Joseph Busuttil vs Dr. John Mamo noe** (App Civ 28/02/1997).

Il-Qorti hi konxja ta' decizjonijiet fejn il-Qorti tal-Appell accettat li ssir korrezzjoni fejn l-izball hu biss zball ta' forma jew dattelografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni moghtija mill-Prim Awla, pero f'dan il-kaz l-izball cioe n-nuqqas ta' inkluzjoni tal-persuni kollha li appellaw quddiem il-Bord mhux zball dattilografu jew ta' forma ghax tolqot il-mertu tal-appell odjern billi d-decizjoni originali tal-Bord tal-Appell ma taghmilx stat fil-konfront ta' dawk li isimhom ma jidhirx fl-okkju tad-decizjoni, u ghalhekk mhux identifkati bis-semplici inkluzjoni tal-kelma 'et'.

F'dan il-kaz anki l-appell innifsu quddiem il-Bord datat 11 ta' Marzu 2005 hu car u esplicitu u jindika li hemm erbatax-il objectors li qed jappellaw fil-kapacita personali u individwali taghhom.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk qed tilqa' dan l-aggravju tal-appellanti u tiddikjara li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-30 ta' Gunju 2011 hi nulla billi l-okkju hu zbaljat u tirrimetti l-atti lura quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar sabiex jiddeciedi l-appell skond il-ligi. Spejjez ghall-appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------